# A.4 FTEHIM BEJN L-ISKOLA EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR

## FTEHIM MAL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR (KEFA)

Il-Ftehim bejn l-Iskola Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kien ffirmat fil-11 ta’ Diċembru 1957.

Bejn
l-Iskola Ewropea, rappreżentata kif xieraq mill-Professur Dr.Walter HALLSTEIN, Segretarju ta’ l-Istat tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ,

u
l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, rappreżentata kif xieraq mis-sur René MAYER, President ta’ l-Awtorità Għolja tal-KEFA,

f’isem l-Awtorità Għolja u t-tliet istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità, bi qbil mal-mandat mgħoti lilu fis-7 ta’ Novembru 1957 minn kull wieħed mill-Presidenti ta’ dawn l-Istituzzjonijiet .

Wara li kkunsidraw il-ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta’ April 1957 li jiddefinixxi l-Istatut ta’ l-Iskola Ewropea,

Wara li kkunsidraw b’mod partikolari l-Artikolu 27 miġjub fih, bil-kliem li ġej: “Il-Bord ta’ Gvernaturi jista’ jilħaq kull ftehim mal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jirrigwarda l-Iskola. Il-Komunità għandu mbagħad ikollha siġġu fil-Bord ta’ Gvernaturi u l-Bord Amministrattiv. In-numru ta’ membri votanti tal-Bord ta’ Gvernaturi u tal-Bord Amministrattiv għandu mbagħad jiżdied għal sebgħa”,

Huma u jikkunsidraw l-interess li għandhom l-Istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jorganizzaw fil-bini tagħhom Skola taż-żgħar, primarja u sekondarja li tħares il-livelli ta’ edukazzjoni tal-pajjiżi membri tal-Komunità u li għandhom l-għarfin tal-Gvernijiet,

Ftiehmu kif ġej:

**Artikolu 1**

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar ser toħroġ s-seħem tagħha għall-ispejjeż ta’ tħaddim ta’ l-Iskola Ewropea, minn issa ’l-hemm imsejħa l-Iskola, taħt sura ta’ sussidju annwali, kif hemm provdut fl-Artikolu 26(2) ta’ l-Istatut ta’ l-Iskola.

**Artikolu 2**

Is-somma f’sussidju, ikkalkolata kif hemm fl-Artikoli 3 u 4 hawn taħt, għandha tiddaħħal kull sena mill-Awtorità Għolja fl-estimi tagħha u titħadden mill-Kumitat tal-Presidenti ta’ l-Istituzzjonijiet tal-Komunità, skond is-setgħat finanzjarji mgħotija lilha bi tħaris ta’ l-Artikolu 78 tat-Trattat tat-18 ta’ April 1951.

**Artikolu 3**

Is-sussidju tal-Komunità għandu jnaqqas is-sehem ta' l-ispejjeż tan-nefqa li jridu jitħallsu mill-Partijiet Kontraenti Għolja li waqqfu l-Iskola, skond l-Artikolu 13(2) ta' l-Istatut.

**Artikolu 4**

Is-sussidju tal-KEFA għas-sena finanzjarja 1957/58 (il-perjodu mill-1 ta' Lulju 1957 sat-30 ta' Ġunju 1958) ser jinkludi:

1. Kontribuzzjoni ta' 45% tan-nefqa totali ordinarja ta' l-Iskola, i.e. FrkB 8,550,000.

Dan l-ammont għandu jkun maħsub li jkopri b'mod partikolari:

a) dik il-parti tan-nefqa li ġejja mill-ispejjeż ta' tħaddim ta' l-Iskola,

b)ċerti benefiċji finanzjarji u *allowances* li għalihom hemm dispożizzjonijiet fir-regolamenti ta' l-impjegati ta' l-Iskejjel,

c) il-miżati tat-tfal tal-membri u l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet tal-KEFA

2. Somma ta' FrkB 3,500,000 bħala kontribuzzjoni straordinarja għall-armar u t-tgħamir tal-bini ta' l-iskola.

3. Somma ta' darba ta' FrkB 260,000, mħallsa bil-quddiem, biex taqta' bilanċ ta' kontribuzzjoni mhux maqtuh għalih.
Fuq liema bażi għandhom jagħtu sehemhom kemm il-Komunità kif ukoll il-Partijiet Kontraenti matul is-sena finanzjarja 1957/58 il-partijiet interessati fit-tħaddim ta' l-iskola għad iridu jaraw sabiex jintlaħaq ftehim fit-tul fuq kemm piż jintrefa' minn nefqa.

**Artikolu 5**

Il-Kap għandu jkun jista', għall-ħtiġijiet ta' l-iskola, juża s-servizzi ġenerali tal-Komunità, bħas-servizzi ta' interpretazzjoni, traduzzjoni u riproduzzjoni ta' dokumenti.

**Artikolu 6**

Bi tħaris ta' l-Artikolu 27 ta' l-Istatut:
1. Il-Komunità għandha toqgħod fuq il-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Iskola fil-persuna tal-President ta' l-Awtorità Għolja jew ta' l-alternant tiegħu;
2. Il-Komunità għandha toqgħod fuq il-Bord Amministrattiv ta' l-Iskola fil-persuna tar-rappreżentant tal-President ta' l-Awtorità Għolja.

**Artikolu 7**

Il-president tal-Bord ta' Gvernaturi għandu jikkonsulta 'l-Presidenti ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità qabel mal-Bord ta' Gvernaturi jinnomina l-Kap ta' l-Iskola skond l-Artikolu 12(2) ta' l-Istatut.

**Artikolu 8**

1. Il-kontijiet annwali msemmija fl-Artikolu 21 ta' l-Istatut għandhom jaslu fl-istess ħin għand il-Kumitat ta' Presidenti tal-Komunità u l-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Iskola.
2. Xi organu jew xi espert għandu jkun responsabbli biex jinżammu l-kontijiet ta' l-Iskola. Dan għandu jkun nominat bi ftehim komuni mill-Kumitat u l-Bord. Ir-rapport tiegħu għandu jasal għand il-Kumitat u l-Bord fl-istess ħin.

**Artikolu 9**

1. Dan il-ftehim jista' biss jiġi denunċjat minn waħda mill-partijiet jekk jingħata notis ta' mill-inqas sena, inkluża sena skolastika sħiha.
2. Jista' jiġi emendat bi ftehim komuni.
3. Jekk l-iskola tingħalaq wara deċiżjoni unanima mill-Partijiet firmatarji ta' l-Istatut ta' l-Iskejjel u min dawk li leħqu ftehim wara, l-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Iskejjel għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa b'mod partikolari fir-rigward ta' l-assi ta' l-Iskola.

**Artikolu 10**

Tliet kopji ta' dan il-ftehim, fl-ilsien Olandiż, Franċiż, Ġermaniż u Taljan, għandhom jitħejjew, kopja għal kull Parti Kontraenti, t-tielet tiġi depożitata fl-arkivji tal-Gvern tal-Lussemburgu, depożitarju ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea.